Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,467, 21 ta' Awwissu, 2020
Taqsima B

A.L. 340 tal-2020

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI
(KAP. 437)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 437.48.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "f'dawn ir-regolamenti jiġu mibgħuta mit-territorju ta' Malta lejn dak ta' Stat Membru ieħor." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "f'dawn ir-regolamenti jistgħu jiġu mċaqalqa mill-post tat-twelid.".